# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' Sessjoni*

**A6-0135/2008**

9.4.2008

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE li għandha x'taqsam mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi 2-(2-methoxyethoxy)ethanol, 2-(2-butoxyethoxy)ethanol, methylenediphenyl diisocyanate, cyclohexane u n-nitrat ta' l-ammonju (COM(2007)0559 – C6-0327/2007 – 2007/0200(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Miroslav Ouzký

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ........................................................................................................15

PROĊEDURI........................................................................................................................17

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE li għandha x'taqsam mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi 2-(2-methoxyethoxy)ethanol, 2-(2-butoxyethoxy)ethanol, methylenediphenyl diisocyanate, cyclohexane u n-nitrat ta' l-ammonju**
**(COM(2007)0559 – C6-0327/2007 – 2007/0200(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0559),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0327/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0135/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi tal-Parlament |
|---|---|

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Id-DEGME ma għadux *aktar użat* bħala kostitwent ta' *żebgħa għal konsumaturi* u *għall-*prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa. Il-valutazzjoni tar-riskju li diġà ssemmiet hawn fuq *wriet* li jeżisti riskju | (4) Id-DEGME ma għadux *użat aktar* bħala kostitwent ta' *żebgħat* u prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa *għall-konsumatur*. Il-valutazzjoni tar-riskju li diġà ssemmiet hawn fuq *uriet* li jeżisti riskju għas-saħħa |

| | |
|---|---|
| għas-saħħa tal-konsumaturi minħabba l-espożizzjoni tal-ġilda għaż-żebgħat u għall-prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom id-DEGME. Il-preparazzjonijiet li fihom id-DEGME *użati* fiż-*żebgħa* ***u*** fil-prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa ma għandhomx għalhekk jitqegħdu fis-suq għall-forniment tal-pubbliku *inġenerali*. Għandu jiġi adottat valur *limitu* ta' 0.1% ta' DEGME fil-preparazzjonijiet għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq. | tal-konsumaturi minħabba l-espożizzjoni tal-ġilda għaż-żebgħat u għall-prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom id-DEGME. Il-preparazzjonijiet li fihom id-DEGME *li huma użati* fiż-żebgħat, fil-prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa***, f'aġenti għat-tindif, f'emulsjonijiet leqqiena u f'siġillanti għall-art*** ma għandhomx għalhekk jitqegħdu fis-suq għall-forniment tal-pubbliku *in ġenerali*. Għandu jiġi adottat valur *ta' limitu* ta' 0.1% ta' DEGME fil-preparazzjonijiet għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kif jistqarr il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni, id-DEGME huwa ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem jekk il-ġilda tkun esposta għalih. Skond ir-rapport ta' l-istudju tar-riskju 793/93, u n-nota spjegattiva, id-DEGME jiġi użat fiż-żebgħat, fil-prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa, f'aġenti għat-tindif, f'emulsjonijiet leqqiena, f'siġillanti għall-art, f'likwidi għall-ħasil tal-ħġieġ tal-karozzi u fi prodotti għat-tindif tal-ġilda (sapun); għaldaqstant ir-restrizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għall-aġenti tat-tindif, għall-emulsjonijiet leqqiena u għas-siġillanti għall-art.*

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-DEGBE jintuża bħala kostitwent taż-żebgħa. Il-valutazzjoni tar-riskju msemmija hawn fuq għad-DEGBE wriet li hemm riskju *għall-konsumaturi tas-saħħa* minħabba espożizzjoni għall-ġbid *ta' arja* għal ġol-pulmun waqt l-użu ta' żebgħa bl-isprej. Għandu jiġi introdott limitu derivat sikur ta' konċentrazzjoni ta' 3% għad-DEGBE fiż-żebgħa għall-isprejjar biex jiġi evitat ir-*risku* ta' espożizzjoni għall-ġbid *ta' arja* għal ġol-pulmun għall-konsumaturi. | (5) Id-DEGBE jintuża bħala kostitwent taż-żebgħat***, tal-kuluranti, tal-linka, tad-deterġenti u tal-prodotti għat-tindif***. Il-valutazzjoni tar-riskju msemmija hawn fuq għad-DEGBE wriet li hemm riskju *għas-saħħa tal-konsumaturi* minħabba espożizzjoni għall-ġbid *tiegħu man-nifs* għal ġol-pulmun waqt l-użu ta' żebgħa bl-isprej. Għandu jiġi introdott limitu derivat sikur ta' konċentrazzjoni ta' 3% għad-DEGBE fiż-żebgħat għall-isprejjar ***jew sprejs għat-tindif*** biex jiġi evitat ir-*riskju* ta' espożizzjoni għall-ġbid *tiegħu man-nifs* għal ġol-pulmun għall-konsumaturi. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skond l-istudju tar-riskju, id-DEGBE huwa ta' riskju għas-saħħa tal-konsumaturi meta jkunu esposti b'mod li jinġibed man-nifs waqt l-applikazzjoni ta' żebgħa bl-isprej. In-nota spjegattiva tgħid li d-DEGBE huwa użat ukoll bħala kostitwent tal-kuluranti, linki, deterġenti u prodotti tat-tindif; għalhekk ir-restrizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti tat-tindif taħt forma ta' sprej minħabba li hemm il-possibilità wkoll li jinġibdu man-nifs.*

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Għal *żebgħa* oħra li *mhix żebgħa* għall-isprejjar, twissija kontra l-użu ta' *żebgħa* ta' din ix-xorta fit-tagħmir għall-isprejjar *għandha tkun meħtieġa* fejn *din iż-żebgħa fiha limitu ta' konċentrazzjonijiet ta'* DEGBE *li hu* daqs jew aktar minn 3%. | (6) Għal *żebgħat* oħra li *mhumiex żebgħat* għall-isprejjar ***jew prodotti tat-tindif għall-isprejjar***, *għandha tkun meħtieġa* twissija kontra l-użu ta' *żebgħat* ***jew prodotti tat-tindif*** ta' din ix-xorta fit-tagħmir għall-isprejjar fejn *dawk iż-żebgħat* ***jew prodotti tat-tindif*** *ikun fihom id-*DEGBE *f'konċentrazzjoni li tkun* daqs jew aktar minn 3%. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skond il-memorandum ta' spjegazzjoni, id-DEGBE huwa użat ukoll bħala kostitwent fil-prodotti tat-tindif; għalhekk ir-restrizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal dawn il-prodotti.*

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-valutazzjoni tar-riskju għall-MDI wriet li hemm bżonn li jiġu limitati r-riskji *matul* l-użu *tal-*konsumatur ta' preparazzjonijiet li fihom l-MDI minħabba preokkupazzjonijiet *għall-*ġbid *ta' arja* għal ġol-pulmun u *għall-*espożizzjoni tal-ġilda. Sabiex jiġu evitati u eliminati dawn ir-riskji, it-tqegħid fis-suq *għall-forniment tal-pubbliku inġenerali* ta' preparazzjonijiet li fihom l-MDI għandu | (8) Il-valutazzjoni tar-riskju għall-MDI wriet li hemm bżonn li jiġu limitati r-riskji *waqt* l-użu *mill-*konsumatur ta' preparazzjonijiet li fihom l-MDI minħabba preokkupazzjonijiet *rigward il-*ġbid *tiegħu man-nifs* għal ġol-pulmun u *l-*espożizzjoni tal-ġilda. Sabiex jiġu evitati u eliminati dawn ir-riskji, it-tqegħid fis-suq ta' preparazzjonijiet li fihom l-MDI *għall-forniment tal-pubbliku in ġenerali* għandu |

jkun *awtorizzat* biss taħt ċerti kondizzjonijiet bħalma huma l-forniment mandatorju ta' ingwanti tal-***polyethylene***, *l-*ippakkjar u l-istruzzjonijiet addizzjonali *għall-*ippakkjar. Peress li l-forniment ta' tagħmir ta' protezzjoni u l-istampar ta' struzzjonijiet rilevanti se jkun jeħtiġilhom *sforżi* speċifiċi mill-produtturi, għandu jingħata perjodu itwal ta' tranżizzjoni.

jkun *permess* biss taħt ċerti kondizzjonijiet bħalma huma l-forniment mandatorju ta' ingwanti ***adegwati*** *fl-*ippakkjar u l-istruzzjonijiet addizzjonali *fuq l-*ippakkjar. Peress li l-forniment ta' tagħmir ta' protezzjoni u l-istampar ta' struzzjonijiet rilevanti se jkun jeħtiġilhom *sforzi* speċifiċi mill-produtturi, għandu jingħata perjodu itwal ta' tranżizzjoni.

*Ġustifikazzjoni*

*Skond informazzjoni mill-istituzzjonijiet fil-qasam tas-saħħa tal-ħaddiema, hemm diversi tipi ta' ingwanti li huma xierqa għal meta jkun qed jintuża l-MDI - madankollu l-ebda minnhom m'huma magħmula mill-polyethylene. Għalhekk ikun aktar xieraq li nirreferu għal "ingwanti adegwati", minflok ma jkunu speċifikati ingwanti li m'humiex adegwati għal dan il-għan. It-tip propju ta' ingwanti xierqa jista' mbagħad jiġi stipulat fil-komitoloġija.*

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Il-fertilizzanti tan-nitrat ta' l-ammonju ntużaw ħażin għall-manifatturar illeċtu ta' esplożivi. ***Tipi ta' fertilizzanti li jistgħu jintużaw għal dan l-iskop għandhom kontenut ta' nitroġenu li jista' jkun baxx sa 20%.*** Aċċess għal *dawn* it-tipi ta' fertilizzant għandu jkun limitat għall-użu professjonali agrikolu billi jiġi impost limitu ta' inqas minn ***20% ta'*** kontenut tan-nitroġenu fil-preparazzjonijiet tan-nitrat ta' l-ammonju *mibjugħ* lill-pubbliku *ġenerali*. | (16) Il-fertilizzanti tan-nitrat ta' l-ammonju ntużaw ħażin għall-manifatturar illeċtu ta' esplożivi. Aċċess għal *dawk* it-tipi ta' fertilizzant għandu jkun limitat għall-użu professjonali agrikolu billi jiġi impost limitu ta' inqas minn ***28%*** *tal-*kontenut tan-nitroġenu fil-preparazzjonijiet tan-nitrat ta' l-ammonju *mibjugħa* lill-pubbliku *in ġenerali*. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ħafna fertilizzanti li huma prodotti fl-Ewropa fihom madwar 27% ta' nitrat ta' l-ammonju. Il-possibilità li n-nitrat ta' l-ammonju jiġi iżolat minn fertilizzant jiddependi mill-kwalità tiegħu u mhux biss mill-konċentrazzjoni tan-nitrat ta' l-ammonju. Il-memorandum ta' spjegazzjoni jgħid li l-"fertilizzanti b'bażi ta' nitrat ta' l-ammonju li għandhom anqas minn 28% ta' nitroġenu ma jitqisux li joħolqu riskju ta' splużjoni taħt kundizzjonijiet normali ta' trattament u użu"; għalhekk il-limitu tal-kontenut ta' nitroġenu għandu jkun ta' inqas minn 28%.*

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Premessa 17 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni huma adottati bit-tama li jkunu inkorporati fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH), kif stabbilit fl-Artikolu 137(3) ta' dak ir-Regolament.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tiċċara r-relazzjoni bejn din id-Deċiżjoni, id-Direttiva 76/769/KEE u r-Regolament REACH.*

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Anness**
Id-Direttiva 76/769/KEE
Anness I – punt 53 – kolonna 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ma għandhiex titqiegħed fis-suq wara [18-il xhar mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni], għall-forniment tal-pubbliku *inġenerali*, bħala kostitwent fiż-*żebgħa **u fil-***prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa b'konċentrazzjonijiet li jkunu daqs jew ogħla minn 0.1% bil-massa. | Ma għandhiex titqiegħed fis-suq wara [18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni], għall-forniment tal-pubbliku *in ġenerali*, bħala kostitwent fiż-*żebgħat*, fil-prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa, ***fil-prodotti għat-tindif, fl-emulsjonijiet leqqiena u fis-siġillanti għall-art*** b'konċentrazzjonijiet li jkunu daqs jew ogħla minn 0.1% bil-massa. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kif tistqarr in-nota spjegattiva tal-Kummissjoni, id-DEGME huwa ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem jekk il-ġilda tkun esposta għalih. Skond ir-rapport ta' l-istudju tar-riskju 793/93, u n-nota spjegattiva, id-DEGME jiġi użat fiż-żebgħat, fil-prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa, f'aġenti għat-tindif, f'emulsjonijiet leqqiena, f'siġillanti għall-art, f'likwidi għall-ħasil tal-ħġieġ tal-karozzi u fi prodotti għat-tindif tal-ġilda (sapun); għaldaqstant ir-restrizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għall-aġenti tat-tindif, għall-emulsjonijiet leqqiena u għas-siġillanti għall-art.*

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni - att li jemenda**
**Anness**
Id-Direttiva 76/769/KEE
Anness I – punt 54 – kolonna 2 – punt 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Ma għandhiex titqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara [18-il xhar mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni], għall-forniment tal-pubbliku *inġenerali*, bħala kostitwent *fiż-żebgħa u fil-prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa* għall-isprejjar b'konċentrazzjonijiet li jkunu daqs jew ogħla minn 3% bil-massa. | (1) Ma għandhiex titqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara [18-il xhar mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni], għall-forniment tal-pubbliku *in ġenerali*, bħala kostitwent *taż-żebgħat* għall-isprejjar ***jew tal-prodotti tad-tindif għall-isprejjar*** b'konċentrazzjonijiet li jkunu daqs jew ogħla minn 3% bil-massa. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skond l-istudju tar-riskju, id-DEGBE huwa ta' riskju għas-saħħa tal-konsumaturi meta jkunu esposti b'mod li jinġibed man-nifs waqt l-applikazzjoni ta' żebgħa bl-isprej. Il-memorandum ta' spjegazzjoni jgħid li d-DEGBE huwa wżat ukoll bħala kostitwent tad-deterġenti u prodotti tat-tindif; għaldaqstant ir-restrizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal dawn il-prodotti li jkunu taħt forma ta' sprej.*

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni - att li jemenda**
**Anness**
Id-Direttiva 76/769/KEE
Anness I – punt 54 – kolonna 2 – punt 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Mingħajr ħsara *għal-*leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tikkonċerna l-klassifikazzjoni, l-ippakkjar u t-*tikketti* ta' sustanzi u *l-*preparazzjonijiet perikolużi, *żebgħa ħlief* ***iż-żebgħa għall-isprejjar*** li *fiha* aktar minn 3% bil-massa ta' DEGBE li *titqiegħed* fis-suq għall-forniment tal-pubbliku *inġenerali għandha tiġi mmarkata* b'mod leġibbli u li ma jitħassarx sa [24 xhar wara d-dħul fis-seħħ tad- | (3) Mingħajr ħsara *għal* leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tikkonċerna l-klassifikazzjoni, l-ippakkjar u t-*tikkettar* ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, *żebgħat,* ***deterġenti u prodotti tat-tindif minbarra l-isprejs*** li *fihom* aktar minn 3% bil-massa ta' DEGBE li *jitqiegħdu* fis-suq għall-forniment tal-pubbliku *in ġenerali għandhom jiġu mmarkati* b'mod leġġibbli u li ma jitħassarx sa [24 xahar wara d-dħul |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni] kif ġej:<br>"Ma għandhiex tintuża f'tagħmir għall-isprejjar ***taż-żebgħa***". | fis-seħħ tad-Deċiżjoni] kif ġej:<br>"Ma għandhiex tintuża f'tagħmir għall-isprejjar". |

*Ġustifikazzjoni*

*Skond l-istudju tar-riskju, id-DEGBE huwa ta' riskju għas-saħħa tal-konsumaturi meta jkunu esposti b'mod li jinġibed man-nifs waqt l-applikazzjoni ta' żebgħa bl-isprej. Il-memorandum ta' spjegazzjoni jgħid li d-DEGBE huwa wżat ukoll bħala kostitwent tad-deterġenti u prodotti tat-tindif; għaldaqstant ir-restrizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal dawn il-prodotti li jkunu taħt forma ta' sprej.*

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni - att li jemenda**
**Anness**
Id-Direttiva 76/769/KEE
Anness I – punt 55 – kolonna 2 – punt 4 – punt (a)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ma jkollux ingwanti tal-***polyethylene***. | (a) ma jkollux ingwanti tal-***polyethylene***. |
| | Għall-finijiet ta' armonizzazzjoni, in-natura ta' l-ingwanti xierqa għandha tiġi adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 2a ta' din id-Direttiva. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skond informazzjoni mill-istituzzjonijiet fil-qasam tas-saħħa tal-ħaddiema, hemm diversi tipi ta' ingwanti li huma xierqa għal meta jkun qed jintuża l-MDI - madankollu l-ebda minnhom m'huma magħmula mill-polyethylene. Għalhekk ikun aktar xieraq li nirreferu għal "ingwanti adegwati", minflok ma jkunu speċifikati ingwanti li m'humiex adegwati għal dan il-għan. It-tip propju ta' ingwanti xierqa jista' mbagħad jiġi stipulat fil-komitoloġija.*

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Anness**
Id-Direttiva 76/769/KEE
Anness I – punt 55 – kolonna 2 – punt 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(6) Persuni naturali jew legali li jpoġġu*** | ***imħassar*** |

***għall-ewwel darba fis-suq preprazzjonijiet li fihom l-MDI għandhom, sa 3 snin mid-data ta' l-implimentazzjoni tar-restrizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (1), jiġbru data dwar każijiet possibbli ta' persuni li jbatu minn allerġija respiratorja matul il-preparazzjonijiet li fihom l-MDI u jpoġġu din id-data għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Id-data għandha tinġabar skond protokoll ta' studju li għandu jinvolvi ċentri speċjalizzati u għandhom jiġu ffissati mill-Kummissjoni.***

*Ġustifikazzjoni*

*Minn mindu ġiet konkluża l-Valutazzjoni tar-Riskju rigward l-MDI fl-2005 mmexxija skond ir-Regolament dwar Sustanzi Eżistenti 793/9, dejta ġdida dwar l-espożizzjoni mingħand l-Aġenzija Daniża tal-Ħarsien ta' l-Ambjent, Ċentri ta' l-Avvelenament fil-Ġermanja, fir-Renju Unit u fil-Belġju u mill-industrija jissuġġerixxu li fil-verità ma jeżistix riskju għall-konsumaturi fil-ħajja reali. Qabel ma jiġu kkummissjonati studji ġodda mifruxa fuq medda wiesgħa, għandu jitqies, b'parir minn kumitat xjentifiku xieraq, jekk verament teżistix din il-ħtieġa . Peress li d-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni se jiddaħħlu fir-Regolament REACH, l-Artikoli rilevanti ta' dak ir-Regolament se jkopru kull ħtieġa possibbli li jsiru aktar studji u restrizzjonijiet u għalhekk il-punt 6 għandu jitħassar.*

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Anness**
Id-Direttiva 76/769/KEE
Anness I – punt 55 – kolonna 2 – punt 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(7) L-Artikolu 69(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, japplikaw kollha, sakemm id-data miġbura ma turix li mhemmx ħtieġa għal aktar miżuri ta' restrizzjoni ħlief dawk diġà applikati.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Japplikaw il-paragrafi 1 u 3 ta' l-Artikolu 69 tar-Regolament REACH (1907/2006) irrispettivament minn din id-dispożizzjoni. Huma jipprovdu kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri l-abilità li jkomplu jillimitaw l-MDI skond il-proċess ta' restrizzjonijiet tar-REACH jekk jissodisfa l-kriterji ċari miftiehma mill-Parlament u mill-Kunsill. Id-*

*dispożizzjoni proposta toħloq nuqqas ta' koerenza bejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u r-Regolament REACH billi tistabbilixxi sett ta' kriterji addizzjonali bla bżonn biex ikun hemm aktar restrizzjonijiet fuq din is-sustanza.*

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Anness**
Id-Direttiva 76/769/KEE
Anness I – punt 56 – kolonna 2 – punt 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Ma għandhiex titqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara [18-il xhar mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni], għall-forniment tal-pubbliku in ġenerali, bħala kostitwent ta' adeżivi b'bażi ta' neoprene b'konċentrazzjonijiet li jkunu daqs jew ogħla minn 0.1% bil-massa f'daqs ta' pakketti akbar minn ***650 g***. | (8) Ma għandhiex titqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara [18-il xhar mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni], għall-forniment tal-pubbliku in ġenerali, bħala kostitwent ta' adeżivi b'bażi ta' neoprene b'konċentrazzjonijiet li jkunu daqs jew ogħla minn 0.1% bil-massa f'daqs ta' pakketti akbar minn ***350 g***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li dan l-adeżiv m'huwiex maħsub biex ikun applikat fuq uċuħ kbar, jidher xieraq li d-daqs tal-pakkett jiġi limitat. Fil-valutazzjoni tar-riskju, ġie rrakkomandat id-daqs ta' 350 g.*

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda**
**Anness**
Id-Direttiva 76/769/KEE
Anness I – punt 57 – kolonna 2 – punt 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Ma għandux jitqiegħed fis-suq *għal* forniment tal-pubbliku *inġenerali* wara [*18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni*] bħala sustanza, jew fi preparazzjonijiet li fihom ***20%*** jew aktar bil-massa ta' nitroġenu fir-rigward tan-nitrat ta' l-ammonju. | (2) Ma għandux jitqiegħed fis-suq *għall-*forniment tal-pubbliku *in ġenerali* wara [*18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni*] bħala sustanza, jew fi preparazzjonijiet li fihom ***28%*** jew aktar bil-massa ta' nitroġenu fir-rigward tan-nitrat ta' l-ammonju. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ħafna fertilizzanti li huma prodotti fl-Ewropa fihom madwar 27% ta' nitrat ta' l-ammonju. Il-*

*possibilità li n-nitrat ta' l-ammonju jiġi iżolat minn fertilizzant jiddependi mill-kwalità tiegħu u mhux biss mill-konċentrazzjoni tan-nitrat ta' l-ammonju. Il-memorandum ta' spjegazzjoni jgħid li l-"fertilizzanti b'bażi ta' nitrat ta' l-ammonju li għandhom anqas minn 28% ta' nitroġenu ma jitqisux li joħolqu riskju ta' splużjoni taħt kundizzjonijiet normali ta' trattament u użu"; għalhekk il-limitu tal-kontenut ta' nitroġenu għandu jkun ta' inqas minn 28%.*

## NOTA SPJEGATTIVA

**L-Isfond u l-Objettiv tad-Deċiżjoni**

Il-valutazzjonijiet tar-riskju fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti, twettqu għad-DEGME, għad-DEGBE, l-MDI u s-cyclohexane. Il-valutazzjoni tar-riskju għal dawn is-sustanzi kimiċi kollha identifikat il-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji li jinħolqu għas-saħħa tal-bniedem. Dawk il-konklużjonijiet ġew ikkonfermati mill-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (CSTEE).

In-nitrat ta' l-ammonju hu sustanza li tista' taġixxi bħala ossidant u r-riskju li jrid jiġi indirizzat jinħoloq mill-abilità tiegħu li jisplodi meta jitħallat ma' ċerti sustanzi oħra. In-nitrat ta' l-ammonju hu użat ħafna bħala fertilizzant fl-UE u l-fertilizzanti tan-nitrat ta' l-ammonju għandhom jissodisfaw ċerti standards minimi ta' sikurezza qabel ma jitpoġġew fis-suq.

Din id-Deċiżjoni tkun tipprovdi regoli armonizzati għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-preparazzjonijiet tad-DEGME, tad-DEGBE, tal-MDI u tas-cyclohexane għall-forniment tal-pubbliku in ġenerali. Hi tkun tipprovdi wkoll regoli armonizzati għat-tqegħid fis-suq tan-nitrat ta' l-ammonju bħala sustanza u fil-preparazzjonijiet għall-użu bħala fertilizzant. Id-Deċiżjoni preżenti, li tipproponi emendi għad-Direttiva 76/769/KEE, tkun ittejjeb, għalhekk, il-kondizzjonijiet għall-funzjonament tas-Suq Intern u tkun tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem.

**L-Oqsma ta' l-Użu tas-Sustanzi Kimiċi Kkonċernati**

Id-DEGME jappartieni lill-grupp ta' eteri tal-glikol. L-użu prinċipali tad-DEGME hu bħala aġent kontra s-silġ fil-fjuwil tal-ġettijiet. Id-DEGME hu użat ukoll bħala intermedjarju kimiku, kimika bażika (solvent li jipproċessa) u bħala solvent fiż-żebgħa u l-verniċ, fit-tqaxxir taż-żebgħa, fl-aġenti għat-tindif, fl-emulsjonijiet li jleqqu, fis-siġġillanti għall-art, fil-likwidi għall-ħasil tal-windscreen, fil-prodotti għat-tindif tal-ġilda (sapun) u fil-prodotti għall-kura tal-ġilda.

Id-DEGBE jagħmel parti mill-grupp ta' eteri tal-glikol. Id-DEGBE hu użat fiż-żebgħa, kuluranti, inka, deterġenti u prodotti għat-tindif. Il-funzjoni prinċipali ta' dan l-aġent hi li jdewweb diversi komponenti ta' taħlitiet kemm f'sistemi akkwi u kemm f'sistemi mhux akkwi.

MDI jirreferi għal numru ta' komposti isomeriċi. L-MDI jintuża prinċipalment fil-produzzjoni industrijali tal-fowms riġidi tal-polyurethane mad-dinja kollha. Ħafna użi oħra jinsabu fl-oqsma taż-żebgħa u l-kisi, ta' l-adeżivi, tas-siġġillanti (inkluż materjal siġġillanti li jirreżisti l-elementi), ta' l-elastomeri, u taż-żraben. Hemm użu tiegħu wkoll fil-produzzjoni tat-twavel ta' l-injam mill-frak (għat-twaħħil flimkien ta' l-injam) u fin-nuklei tal-forom għall-industrija tal-fonderiji.

Is-**Cyclohexane** huwa alkanu ċikliku. L-użu prinċipali bħala solvent hu fl-adeżivi (cyclohexane mħallta ma' solventi oħra). Fil-biċċa l-kbira tagħhom dawn huma adeżivi b'bażi ta' "neoprene" (polychloroprene) użati fl-industrija tal-ġlud (żraben), l-industrija tal-bini (kisi

ta’ l-art) u fl-industrija għat-tagħmir tal-vetturi. Il-prodotti adeżivi tas-cyclohexane jintużaw prinċipalment minn nies tas-sengħa iżda wkoll mill-pubbliku in ġenerali fid-dar u fil-prodotti "do-it-yourself".

In-nitrat ta’ l-ammonju jintuża ħafna fl-UE kollha bħala fertilizzant, iżda jikkostitwixxi wkoll l-ingredjent prinċipali fl-aġent kummerċjali għall-blasting l-ANFO (żejt tal-fjuwil tan-nitrat ta’ l-ammonju). In-nitrat ta’ l-ammonju jintuża fil-fertilizzant kemm waħdu, kif ukoll f’taħlit ma’ sustanzi nutrijenti oħra. Fertilizzanti li fihom aktar minn 28% ta’ nitroġenu huma magħrufin bħala fertilizzanti tan-nitrat ta’ l-ammonju b’livell għoli ta’ nitroġenu.

**Ir-Rakkomandazzjoni tar-Rapporteur**

Minħabba l-fatt li hemm il-bżonn li jiġu limitati r-riskji għall-konsumaturi u b’mod partikular biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata matul id-dversi użu tad-"Do-It-Yourself", ċerti restrizzjonijiet għandhom jiġu applikati għal preparazzjonijiet li fihom id-DEGME, id-DEGBE, l-MDI jew is-cyclohexane li huma mqiegħda fis-suq għall-forniment tal-pubbliku in ġenerali. Huwa xieraq ukoll li jkun żgurat livell uniformi għoli ta’ sikurezza għall-bdiewa u għad-distributuri fi ħdan l-UE għall-fertilizzanti kollha tan-nitrat ta’ l-ammonju u li l-aċċess għall-fertilizzanti b’livell għoli ta’ nitroġenu jiġi limitat għall-professjonisti agrikoli.

Wara li kkunsidra dak li ntqal hawn fuq u wara li ra li d-Deċiżjoni proposta tkun tippreżenta ftit problemi biss għall-industrija jew il-kummerċ, ir-Rapporteur japprova t-test tal-Kummissjoni b’għadd żgħir ta’ emendi. L-emendi proposti se jiċċaraw ir-relazzjoni mar-REACH, jillimitaw l-ispejjeż bla bżonn u jtejbu s-sigurtà għall-konsumaturi.

# PROĊEDURI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Restrizzjoni dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi |
| **Referenzi** | COM(2007)0559 – C6-0327/2007 – 2007/0200(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 2.10.2007 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>11.10.2007 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE IMCO<br>11.10.2007 11.10.2007 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ITRE IMCO<br>22.11.2007 21.11.2007 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Miroslav Ouzký<br>9.10.2007 |
| **Eżami fil-kumitat** | 25.2.2008 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 26.3.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 46<br>–: 0<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Irena Belohorská, Johannes Blokland, John Bowis, Frieda Brepoels, Martin Callanan, Dorette Corbey, Magor Imre Csibi, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Edite Estrela, Jill Evans, Anne Ferreira, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Caroline Jackson, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Urszula Krupa, Aldis Kušķis, Peter Liese, Marios Matsakis, Roberto Musacchio, Riitta Myller, Péter Olajos, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Dagmar Roth-Behrendt, Karin Scheele, Richard Seeber, Kathy Sinnott, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Evangelia Tzampazi, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Anders Wijkman, Glenis Willmott |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Iles Braghetto, Bairbre de Brún, Jutta Haug, Erna Hennicot-Schoepges |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Miguel Angel Martínez Martínez |
| **Data tat-tressiq** | 9.4.2008 |